MALTA

# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

**MAGISTRAT DR.
JOSEPH CASSAR**

Seduta tas-27 ta' Mejju, 2004

Rikors Numru. 127/2000/1

**Francis Grixti**

**Vs**

**Godfrey Ellul Sullivan u s-socjeta` Delicatessen Products Ltd ghal kull interess li jista' jkollha u b'digriet tal-4 ta' Settembru 2003 gew mahtura kuraturi deputati Dr Richard Sladden u PL Hilda Ellul Mercer biex jirraprezentaw il-wirt battal ta' l-imsemmi Godfrey Ellul Sullivan li gie nieqes fil-mori tar-rikors.**

Il-Bord,

Ra r-rikors ta' Francis Grixti li mexa kontestwalment mar-rikors 126/00B fejn ir-rikorrent jesponi bir-rispett:

Illi huwa jikri lill-intimat garaxx bl-isem ta' "Connie Garage" li jinsab gewwa Triq San Pawl, San Gwann u dana versu l-kera ta' mitejn u tmienja u ghoxrin lira Maltin (Lm228), pagabbli kull tlett (3) xhur bil-quddiem. Illi l-ahhar skadenza ghalqet fl-1 ta' Settembru 2000;

Illi l-intimati naqsu li jhallsu l-iskadenzi ta' l-1 ta' Settembru 1999, ta' l-1 ta' Dicembru 1999, ta' l-1 ta' Marzu 2000, l-1 ta' Gunju 2000 u l-1 ta' Settembru 2000, u dana nonostante illi l-intimati gew interpellati sabiex jaghmlu tali hlas diversi drabi, inkluz permezz ta' zewg ittri ufficjali datati 27 ta' Lulju 1999 u 21 ta' Jannar 2000.

Ghaldaqstant, l-esponent jitlob bir-rispett illi dan l-Bord joghgbu ghar-ragunijiet hawn fuq mghotija jordna lill-intimati jizgombraw l-barra mill-fond imsemmi ossia l-garage imsejjah "Connie Garage" fi Triq San Pawl, San Gwann, u jawtorizza r-ripreza tal-istess a favur ta' l-esponent f'qasir zmien u perentorju ffissat minn dan il-Bord.

Bl-ispejjez kontra l-intimati li minn issa qed jigu ngunti biex jidhru ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta ta' l-intimati fejn jesponu bir-rispett:

1. Illi r-rikors huwa null ghax ma jindikax id-data tal-ewwel skadenza li jmissha taghalaq.

2. Illi subbordinatament u minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni l-intimat Godfrey Ellul Sullivan mhux il-legittimu kontradittur f'din il-kawza ghax il-fond de quo hu mikri lis-socjeta intimata biss. Ghalhekk hu ghandu jigi liberat mill-osservanza.

3. Illi l-esponenti, bla pregudizzju ghas-suespost, qed jeccipixxi il-"litis pendentia" ghax quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Civili hemm pendenti kawza fl-istess ismijiet (Citazz. Nru. 1979/99 AJM), fejn "inter alia" qed jintalab

ukoll l-izgumbrament tal-intimat Godfrey Ellul Sullivan mill-istess fond.

4. Illi subbordinatament u bla pregudizzju, l-intimati qatt ma gew notifikati bl-ittri ufficjali indikati fir-rikors u ghalhekk la ma saritx interpellazzjoni ghall-hlas kif trid il-ligi, ma jistax ikun hemm il-morozita li taghti lok ghall-izgumbrament mitlub.

5. Illi ghalhekk it-talbiet tar-rikorrent ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.

6. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri skond il-ligi.

Ra r-risposta tal-avukat Dr Richard Sladden u tal-PL Hilda Ellul Mercer nominati b'digriet tal-10 ta' Settembru, 2003, kuraturi deputati biex jirraprezentaw il-wirt battal ta' Godfrey Ellul Sullivan fejn jesponu bir-rispett:

1. Illi l-esponenti m'humiex edotti mill-fatti tal-kaz u jirrizervaw li jipproducu l-eccezzjonijiet taghhom fi stadju ulterjuri;
2. Illi ghal dan l-iskop kitbu lid-difensuri tar-rikorrenti sabiex jinghataw kull informazzjoni dwar l-eredi ta' Godfrey Ellul Sullivan.

Bl-ispejjez.

Sema` x-xhieda bil-gurament.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha.

Ra l-verbal tal-10 ta' Mejju 2004.

Ikkonsidra:

1. B'sentenza tat-28 ta' Frar 2001 il-Bord cahad l-ewwel eccezzjoni – nullita` tar-rikors – bl-ispejjez kontra l-intimat.

2. Fis-sentenza moghtija mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-22 ta' Mejju 2002 fil-kawza fl-ismijiet 'Francis

Grixti vs Godfrey Ellul Sullivan' (Citazz. Nru. 1979/99AJM) gie deciz li l-garage 'Connie Garage' kien mikri lill-intimat u mhux lil Delicatessen Products Ltd u ghalhekk qed tigi michuda t-tieni eccezzjoni.

3. L-intimat qed jecepixxi l-litis pendentia mhabba l-kawza fuq imsemmija quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Civili tal-pendenti kawza bejn Francis Grixti u Godfrey Ellul Sullivan biex jithallsu d-danni. F'dik il-kawza inghatat l-eccezzjoni li Ellul Sullivan mhux il-legittimu kontradittur imma li Delicatessen Products Limited ma jista` bl-ebda mod jinghad li jirrikorru l-elementi tal-litis pendentia kif infesser fid-dettal fis-sentenza dwar rikors numru 126/00R deciza illum. Ghalhekk l-eccezzjoni tal-litis pendentia qed tigi michuda.

4. L-intimat gie interpellat darbtejn b'ittri ufficjali biex ihallas il-kera: 27 ta' Lulju 1999 u nnotifikat fit-2 ta' Awissu 1999; 21 ta' Jannar 2000 u nnotifikat fit-28 ta' Jannar 2000. L-intimat dwar l-ittri ufficjali jghid "ma jidhirliex li rcivejtha" (fol 36 ta' dan ir-rikors) u "ma nafx biha ghax jiena direttur m'iniex qed nimmanigja l-fabbrika" (ibid fol 37). Il-Bord ma jhossx li ghandu jistrieh fuq xhieda bhal din.

5. Dwar l-imgieba bejn il-partijiet u kif qamet din il-kwistjoni il-Bord ser joqghod fuq ix-xhieda tar-rikkorent (fol 26 u 27 tar-rikors 126/00) li jsemmi l-kawza quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Civili u ghalfejn saret. L-intimat hallas fit-18 ta' April 1999 u wara ma hallasx xejn aktar.

6. Fir-rikors jinghad li ma thallsux l-iskadenzi ta'

a. 1 ta' Settembru 1999
b. 1 ta' Dicembru 1999
c. 1 ta' Marzu 2000
d. 1 ta' Gunju 2000
e. 1 ta' Settembru 2000

7. Dwar l-ittri ufficjali jinghad li l-ewwel wahda harget fis-27 ta' Lulju 1999 u giet notifikata fit-2 ta' Awissu 1999. Din ma tistax titqies bhala 'interpellazzjoni valida' billi intbaghtet <u>qabel</u> l-ewwel skadenza, dik ta' l-1 ta'

Settembru 1999 u mhux wara. It-tieni ittra ufficjali harget fil-21 ta’ Jannar 2000 u giet notifikata fit-28 ta’ Jannar 2000 u ghalhekk setghet tirreferi biss ghall-iskadenza ta’ l-ewwel ta’ Settembru u ta’ l-ewwel ta’ Dicembru 1999. Fl-ittri ufficjali ma jissemewx skadenzi imma jissemew fir-rikors.

8. Fl-Affidavit tieghu r-rikorrent jghid li bghat diversi ittri ohra ghall-hlas. Ghal dan l-intimat bl-ebda mod ma irribatta. Ma thallsux hames (5) skadenzi. Il-kera kienet intalbet ukoll bil-fomm. Lanqas kien minnu li l-intimat halla xi flus ghand l-avukat tieghu.

9. Skond il-gurisprudenza ma hemm l-ebda forma sagrosanta ta’ kif issir interpellazzjoni. L-intimat kien iddepozita is-somma ta’ Lm600 taht l-awtorita’ tal-Qorti minghajr ma offriha qabel. Barra dan il-kera hi ta’ fond iehor u mhux tal-fond ‘de quo’.

10. Ghalhekk saret l-ittra ufficjali tal-21 ta’ Jannar 2000 li tirreferi ghal zewg skadenzi u tghodd bhala interpellazzjoni wahda. Barra dan ir-rikorrent bghat diversi ittri biex jitlob il-hlas. Il-hlas qatt ma sar. Billi kien hemm kwistjoni bejn il-partijiet xorta l-kera kellha tithallas.

11. Il-Bord jidhirlu li l-vot tal-ligi gie sodisfatt u ghalhekk jilqa` it-talba tar-rikorrent u jawtorizzah jerga` jiehu f’idejh il-fond/garage bl-isem ta’ ‘Connie Garage’ fi Triq San Pawl, San Gwann; ghall-ghan ta’ keccija jaghti xahar (1) zmien mill-llum; l-ispejjez jithallsu mill-intimat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------